

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9571/22

CDR 60

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Ċeka, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata l-4 ta' Ottubru 2021, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Petr HÝBLER, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.¹
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Petr HÝBLER, il-Gvern Ċek ippropona² lis-Sur Jan GROLICH, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali *Zastupitel Jihomoravského kraje* (Membru tal-Assemblea Reġjonali tar-Reġjun tal-Moravia tan-Nofsinhar), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

¹ 12714/21.

² 9264/22.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 9494/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
-